MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 113/16LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***vs.***

**C.S.I. Oil Field Services Limited (C27568) u Ronald u Mary miżżewġin Bonello (K.I. numri 779349M u 415346M)**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-kawża li ġiet ippreżentata fl-12 ta' Frar, 2016, is-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c.** (C 2833) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"] qiegħda titlob għar-raġunijiet dedotti fir-Rikors Maħluf tagħha:

1. Dikjarazzjoni li l-konvenuti **C.S.I. Oil Field Services Limited** (C 27568) u **Ronald u Mary miżżewġin Bonello** (K.I. numri 779349 (M) u 415346 (M)) [minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"] (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulati fl-iskritturi privati Dokumenti "A", "B",

"C", "D", "E" u "J" annessi mar-Rikors Maħluf; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-imsemija konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti C.S.I. Oil Field Services Limited u Ronald u Mary miżżewġin Bonello jħallsu flimkien *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u sitta u ħamsin elf, sitt mija u tnejn u disgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€556.692.14) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' C.S.I. Oil Field Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2", Dok. "G", Dok. "H1 sa H2" u Dok. "I1" sa "I5") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Frar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Din il-kawża tittratta faċilitajiet bankarji li s-soċjetà attriċi Bank of Valletta p.l.c. kienet ikkonċediet lis-soċjetà konvenuta C.S.I. Oil Field Services Limited permezz ta' żewġ kuntratti magħmula fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datati 19 ta' Awwissu, 2008 (Dok. "A" u "B"[1]) u permezz ta' tliet skritturi privati datati 21 ta' April, 2009 (Dok. "C"[2]), 16 ta' Settembru, 2012 (Dok. "D"[3]) u 19 ta' Frar, 2015 (Dok. "E"[4]) rispettivament. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datati 19 ta' Awwissu, 2008 (Dok. "A" u Dok. "B") u permezz ta' skrittura privata datata 19 ta' Awwissu, 2008 (Dok. "J"[5]) , il-konvenuti Ronald u Mary miżżewġin Bonello ggarantew flimkien u *in solidum* ma' C.S.I. Oil Field Services Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess C.S.I Oil Field Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Is-soċjetà attriċi tikkontendi li tinsab kreditriċi tal-konvenuti C.S.I. Oil Field Services Limited u Ronald u Mary miżżewġin Bonello flimkien *in solidum* fis-

---

[1] Iskrizzjonijiet Ipotekarji *relattivi a fol.* 5 sa 8 tal-proċess.
[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 14 tal-proċess.
[4] *A fol.* 21 tal-proċess.
[5] *A fol.* 35 tal-proċess.

somma ta' ħames mija u sitta u ħamsin elf, sitt mija u tnejn u disgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€556.692.14) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' C.S.I. Oil Field Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2"[6], Dok. "G"[7], Dok. "H1 sa H2"[8] u Dok. "I1" sa "I5"[9]) flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Frar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament stante li l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulati fl-iskritturi privati Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E" u "J" annessi mar-Rikors Maħluf; (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi dovut lis-soċjetà attriċi.

Permezz ta' nota ppreżentata *seduta stante* fit-12 ta' Ottubru, 2018[10] il-konvenuti kollha ammettew it-talbiet kif dedotti mis-soċjetà attriċi Bank of Valletta p.l.c. fir-Rikors Maħluf tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attrici u tikkundanna lill-konvenuti C.S.I. Oil Field Services Limited u Ronald u Mary miżżewġin Bonello jħallsu flimkien *in solidum* bejniethom lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u sitta u ħamsin elf, sitt mija u tnejn u disgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€556.692.14), bilanċ għad-**

[6] *A fol.* 26 u 25 tal-proċess.
[7] *A fol.* 27 tal-proċess.
[8] *A fol.* 29 u 28 tal-proċess.
[9] *A fol.* 30 sa 34 tal-proċess.
[10] *A fol.* 159 tal-proċess.

**debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' C.S.I. Oil Field Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F2", Dok. "G", Dok. "H1 sa H2" u Dok. "I1" sa "I5") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Frar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Ġunju, 2014, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.